# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-11 ta' Marzu, 2016.**

**Rikors Numru 31/2016/1 SM**

**Desiree` Caruana**
**(I.D. 024468 M)**

**vs.**

**Anthony Caruana (I.D. 726956 M),**
**Italiana Limited C 23060, Ambassador**
**Clothing Limited (C 22440) u**
**Tonio Caruana (Holdings) Limited**
**(C 22427)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat id-9 ta' Frar, 2016;

2.0. Regghet rat id-digriet provizorju taghha li wkoll igib l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti li permezz tieghu:

2.1. Laqghet it-talbiet kontenuti fir-rikors guramentat promotur provizorjament;

2.2. Ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontroparti ghar-risposta; u

2.3. Appuntat l-istess ghas-smiegh fl-udjenza hemm indikata, (ara foll 1 u 5);

3. Rat ir-risposta tal-intimati datata t-12 ta' Frar, 2016, (ara foll 8);

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

6.1. Illi inizjat proceduri ta' separazzjoni;

6.2. Illi l-intimat Anthony Caruana hu azzjonist u/jew direttur fis-socjetajiet l-ohra intimati;

6.3. Illi s-socjetajiet intimati kienu kkreati fiz-zwieg tar-rikorrenti mal-intimat u ghalhekk jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

6.4. Illi l-iskop wara l-procedura odjerna hu li jigu tutelati d-drittijiet tar-rikorrenti;

6.5. Illi biex dan isehh titlob li l-intimati jkunu inibiti milli jbieghu, inehhu, jittrasferixxu jew xort'ohra jiddisponu bi kwalunkwe mod, jew jghabbu b'piz jew dejn xi proprjeta` immobbli jew jeddijiet marbutin mal-istess proprjeta` u *stock* tal-intimati kif elenkati fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 1 u 2);

6.6. Illi kemm il-darba tigi aljenata xi proprjeta` fuq indikata dan ikun ta' pregudizzju ghar-rikorrenti;

6.7. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex ghar-ragunijiet fuq esposti din il-qorti:

6.7.1. Tordna l-hrug tal-mandat t'inibizzjoni mitlub, fil-konfront tal-intimati;

6.7.2. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi l-intimati sintetikament esponew is-segwenti:

7.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti m'ghandhomx jigu milqugha *stante* li jippregudikaw l-uniku mezz t'introjtu tal-familja Caruana;

7.2. Illi l-koppja kontendenti ghandhom residenza li tiswa konsiderevolment;

7.3. Illi flok il-procedura odjerna r-rikorrenti tista` alternattivament tikkawtela d-drittijiet taghha tramite l-istess residenza in dizamina;

7.4. Illi r-rikorrenti m'ghandiex tithalla tuza l-procedura odjerna in ritaljazzjoni ghall-fatt li t-talba taghha f'forum separat minn dak odjern ma gietx milqugha;

7.5. Illi terzi indipendenti mill-koppja kontendenti m'ghandhomx jigu konivolti fi kwistjonijiet ghalihom estranei jew li jbghatu xi konsegwenzi fir-rigward;

7.6. Illi *di piu`*, l-istess rikorrenti tidher li qed tuza l-procedura odjerna anke biex tolqot xi familjari tal-intimat li maghhom ghandha xi attrit;

7.7. Illi konsegwenza tal-istess, din il-qorti ghandha:

7.7.1. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

7.7.2. Tirrevoka d-digriet precedenti taghha datat id-9 ta' Frar, 2016, *contrario imperio*;

7.7.3. Bl-ispejjez;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi tenut kont tas-suespost il-vertenza odjerna tista` tigi sintetikament riassunta bil-mod segwenti:

8.1. Illi ghalkemm ir-rikorrenti u l-intimat huma mizzewgin, prezentement ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni;

8.2. Illi z-zwieg taghhom hu regolat mill-komunjoni tal-akkwisti;

8.3. Illi skont ir-rikorrenti, ghalkemm is-socjetajiet intimati saru matul iz-zwieg jirrizulta li r-rikorrenti la hi azzjonista fl-istess u lanqas direttrici;

8.4. Illi *nonostante* dan, l-intimat xorta ghandu l-opportunita` jilledi d-drittijiet tar-rikorrenti *stante* li jista` jintervjeni fis-socjetajiet li taghhom hu azzjonist u direttur minghajr l-intervent tar-rikorrenti u kontra l-interessi taghha;

8.5. Illi ghalhekk il-procedura odjerna hi intiza biex tittutela l-posizzjoni taghha fir-rigward ta' zewgha intimat *stante* li altrimenti jista` facilment jippregudika il-posizzjoni taghha;

Ikkunsidrat:

9. Illi l-ghan tal-procedura in dizamina hu li tipprekludi persuna milli taghmel xi haga li tista` tilledi d-drittijiet tal-parti li titlob l-intervent ta' dan l-istitut;

10. Illi biex jigu tutelati l-istess, ir-rikorrenti ghandha turi li *prima facie* ghandha dawn id-drittijiet minnha vantati;

11. Illi l-istess talbiet tar-rikorrenti jidhru li huma imsejsa fuq l-artiklu 876(1) (a) u (c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat:

12. Illi kif ritenut mill-**Prim' Awla tal-Qorti Civili** fis-sentenza fl-ismijiet ***Transport Services for Disabled Persons Cooperative Limited*** **vs. Awtorita` ghat-Trasport f'Malta,** datata **l-20 ta' Lulju, 2015:**

> "Il-htiega li jintwera li l-parti li titlob il-hrug ta' mandat bhal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretizi hija htiega oggettiva u mhux soggettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant";

13. Illi *di piu`* hu ormai rekwizit assodat li tali jedd jew jeddijiet ghandhom jirrizultaw biss mad-daqqa t'ghajn u mhux wara xi ezami profond u dettaljat tal-istess;

14. Illi jigi wkoll emfasizzat li r-rekwiziti fuq indikati ghandhom jitqiesu kumulattivament u mhux alternattivament;

15. Illi ghalhekk, fin-nuqqas ta' xi wiehed mill-istess rekwiziti, t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom necessarjament jigu respinti;

Ikkunsidrat:

16. Illi rigward l-ewwel risposta ta' natura preliminari inoltrata mill-intimati jinghad *ad liminem* illi l-istess giet issuperata bil-korrezzjoni indikata fl-okkju;

17. Illi ghalhekk l-istess risposta hekk sollevata giet issa superfluwa, u allura qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

Ikkunsidrat:

18. Illi *ai termini* tal-artiklu 876 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

> "(1) Meta parti fiz-zwieg tkun ghamlet jew tkun se taghmel quddiem il-Qorti Civili kawza ghal separazzjoni personali, il-parti tista` titlob lil dik il-qorti li tohrog mandat ta' inibizzjoni";

19. Illi ghalhekk mill-fatt innifsu li l-kontendenti *ex admissis* ghaddejjin minn procedura ta' separazzjoni, dan il-fatt biss jintitola lir-rikorrenti biex tipprocedi bil-procedura minnha inoltrata;

20. Illi l-iskop ghal tali procedura ma jirrizultax li hu wiehed kappriccuz izda jirrizulta li hu intiz biex titutela l-interessi legittimi tar-rikorrenti fil-komunjoni tal-akkwisti li facilment jistghu jigu stultifikati billi l-proprjeta` in komuni tinghadda lil haddiehor ghall-izvantagg tar-rikorrenti;

21. Illi l-istess rikorrenti ghalhekk uriet ghas-sodisfazzjon tal-qorti li mad-daqqa t'ghajn ghandha drittijiet x'jigu mharsa u protetti permezz ta' din il-procedura;

22. Illi dak superficjalment allegat mill-intimati li hemm gid alternattiv li jista` jissodisfa lir-rikorrenti mhux biss hu irrilevanti izda hu wkoll pjuttost arroganti *stante* li allura anke dan il-gid jimmerita li jigi kolpit bl-effetti tal-mandat odjern u li *di piu`*, l-intimati m'ghandhomx jarrogaw lilhom infushom il-mod li bih ir-rikorrenti ghandha tittutela id-drittijiet taghha;

23. Illi tali intromissjoni mhix legittima u qeghda tigi immedjatament rimessa lill-mittenti bhala superfluwa u minghajr bazi;

**DECIDE:**

24.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprovat it-talbiet taghha skont il-ligi u konsegwentement:

24.1. Filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha tal-intimati;

24.2. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

24.3. Tvarja d-digriet precedenti taghha datat id-9 ta' Frar, 2016, fis-sens li issa tordna li l-effetti tal-istess digriet ikunu mahruga, issa b'mod permanenti;

24.4. Bl-ispejjez kontra l-intimati *in solidum*.

______________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**